**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 30 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Dennis Theuma)**

**vs.**

**Spiridione Tanti Costa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju 2007 u b'digriet ta' din il-Qorti tat-3 t'Ottubru 2014 - migjuba kontra Spiridione Tanti ta' 40 sena, iben il-mejjet Paul Tanti u l-mejta Carmela nee Costa imwieled Valletta fit-2 ta' Frar, 1965 residenti Block 2 Scheme 2 Flat 16 Paola Hill Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 102365M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-14 ta' Mejju, 2004 u fix-xhur ta' qabel:

(a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar Il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u ikkommetta l-imsemmi reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru ta' perimetru ta' skola/club jew centru taz-zaghzagh jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh.

(b) F'kaz ta' htija il-Qorti hija wkoll mitluba titratta ma l-imputat tali huwa recidiv b'sentenza datata 15.09.2009 moghtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ipprezentati.

Wara semghet t-trattazzjoni finali tal-partijiet,

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Ottubru 2014, fejn laqghet talba tal-Prosekuzzjoni ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni sabiex il-kelma "kokajina" fl-ewwel imputazzjoni tigi sostitwita bil-kelma "Herojina". F'dik l-istess seduta (fol. 128) gie verbalizzat hekk: *"In vista tad-digriet moghti llum, il-Qorti qed tiddefferixxi l-kawza sabiex id-Difiza tirregola ruhha fid-dawl tal-korrezzjoni awtorizzata fid-digriet tal-lum u ggib dawk il-provi u taghmel dawk is-sottomissjonijiet illi jidhrilha necessarji."*

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-4 ta' Frar 2015, l-avukat difesur tal-imputat informa lill-Qorti illi peress li l-imputat kien qieghed il-habs ma kellux cans jikkomunika mal-imputat u l-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta sussegwenti tal-15 ta' April 2015 (fol. 136) fejn sar is-segwenti verbal:

*"Dr. Joseph Brincat ghall-imputat qed jitlob li jkun jista' jirregola ruhu skont l-Att I tal-2015.*

*Il-Qorti tordna lid-difiza sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba taghha inkluz il-kwistjoni tal-applikabilita tal-Att I tal-2015 ghall-proceduri pendenti u dan fi zmien xahar mil-lum bil-visto jew notifika tal-Ispettur Dennis Theuma li jkollu zmien xahar min-notifika sabiex jipprezenta nota responsiva."*

Il-kawza giet differita ghal digriet dwar il-kwistjoni sollevata mid-difiza.

Din il-Qorti tat lid-difiza zewg differimenti sabiex tipprezenta din in-nota, izda sas-seduta tas-27 ta' April 2016 – cioe' iktar minn sena wara li saret it-talba – id-difiza kienet ghada ma pprezentatx in-nota taghha. Ghalhekk fis-seduta tas-27 ta' April 2016 (fol. 139), il-Qorti ghamlet is-segwenti verbal:

*"Il-Qorti tosserva illi minkejja l-verbal tas-seduta precedenti tat-18 ta' Novembru 2015 (fol. 138), id-Difiza baqghet ma ghamlitx in-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward tat-talba taghha fil-15 t'April 2015.*

*Il-Qorti tosserva wkoll li wara s-seduta tat-3 t'Ottubru 2014 (fol. 128) fejn inghata digriet fejn giet awtorizzata korrezzjoni fic-citazzjoni, id-difiza baqghet ma gabitx provi jew ghamlet dawk sottomissjonijiet li jidhrilha xierqa biex tirregola ruhha fid-dawl ta' din il-korrezzjoni.*

*In vista tal-verbal, il-Qorti tikkonkludi li l-imputat mhux interessat jaghmel sottomissjonijiet jew iressaq il-provi, wara li nghata diversi differimenti sabiex jaghmel dan u in vista tal-verbal tas-seduta precedenti tat-18 ta' Novembru 2015 (fol. 137* recte

138*) u dik tas-16 ta' Lulju 2015 (fol. 138* recte 137) *fejn il-Qorti kienet ghamlitha cara li jekk in-nota tad-Difiza ma ssirx fiz-zmien stabbilit, f'din is-seduta l-kawza se tigi differita ghas-sentenza, il-Qorti se tiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza."*

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Fl-14 ta' Mejju 2004, l-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienet qed taghmel osservazzjoni fuq suspettat traffikar tad-droga fiz-zona hekk imsejjha Fgura Bocci Club.
2. L-imputat kien f'din iz-zona u quddiem il-Club ezatt hemm sigra. Skond PS579 Antoine Micallef f'hin minnhom hu ra lill-imputat jahbi xi haga taht sigra. Pero', skond dan ix-xhud ghalkemm kien hemm in-nies iduru fl-area, hadd ma deher jitbaxxa u jqieghed xi haga jew jigbor xi haga fl-20 minuta ta' wara.
3. Min-naha l-ohra PC 451 Aaron Bugeja, li kien ma PS 579, xehed li wara li l-imputat kien ipoggi l-affarijiet taht is-sigra, hu kien imur bil-qieghda barra l-Club tal-Bocci. Imbaghad imur jiehu xi haga minn taht is-sigra, jitfaghha mal-art u kienet tigi terza persuna u tehodha. Skond dan ix-xhud, dan gara diversi drabi. Min kien qed jigbor l-affarijiet, gharafhom bhala persuni maghrufa mal-pulizija li jabbuzaw mid-droga, imma meta xehed ma ftakarx l-ismijiet, hlief ta' xi tlieta bil-laqam. F'punt minnhom, huma avzaw lill-pulizija l-ohra li kienu fil-vicinanzi jistennew l-istruzzjonijiet, biex jintervjenu.
4. Skond il-Prosekuzzjoni, l-imputat baqa' metru l-boghod mis-sigra, pero' waqt li l-Pulizija kienu sejrin fuqu, tbieghed minn hdejn is-sigra. Il-Pulizija arrestawh u ghamlu tfittxija fuqu u ma sabulu xejn. Huma haduh hdejn is-sigra. PC599 Clive Mangion tbaxxa taht is-sigra u sab xi foil li x'hin fethu kien fih pakketti suspettati droga.
5. Saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn gew innotati notebook u pitazz li kellhom xi bicciet neqsin. L-imputat qal li dawn kienu tat-tifla tieghu.

6. L-imputat insista li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-borza bil-qratas misjuba fl-inhawi tal-Fgura Bocci Club.[1]
7. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat rega' innega li huwa kellu x'jaqsam ma' dawn il-qratas u innega wkoll li jbiegh id-droga.[2]
8. Is-sigra in kwistjoni qieghda mat-triq u jghaddi hafna traffiku minn magenbha, pero' fis-seduta tal-4 t'Ottubru, id-difiza iddikjarat li l-imputat ma jikkontestax illi s-sigra in kwistjoni hija cirkonferenza ta' inqas minn mitt metru skont l-Artikolu tnejn u ghoxrin (22) tal-Kapitolu 101.[3]
9. Fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2007, xehed l-espert Spizjar Mario Mifsud, li fir-rapport tieghu ikkonkluda hekk:

   *"a) Li ma nstabx li kien hemm mechanical fit bejn il-karti tal-qratas li kienu fid-dokument 04 BGZ 201 u l-faccati tal-pitazz u l-faccati tan-notebook li kienu fid-dokument 04 BGZ 202. Gie nnutata li kien hemm similanza kbira bejn il-karti tal-qratas li kien hemm fid-dokument 04 BGZ 201 u l-faccati tal-pitazz li kien hemm fid-dokument 04 BGZ 202.*

   *(b) Li fit-trab il-kannella li kien hemm fil-hames qratas fid-dokument 04 BGZ 202, f'ammont nett totali ta' 0.220 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[4]
10. L-espert Joseph Mallia ghamel analizi bejn il-fingerprints tal-imputat u l-pitazzi elevati mir-residenza tieghu, u sab rizultanza posittiva fuq wiehed mill-pitazzi.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-versjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu, ikkonfermata bil-gurament quddiem din il-Qorti waqt ix-xhieda tieghu, hija li hu mar il-Klabb tal-Bocci tal-Fgura biex jiehu te, u pakkett sigaretti minn hemm. Skond hu, kif hareg jixrob it-te fil-bieb, waqfet karozza tal-

---

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma a fol. 20 u 21 tal-process.
[2] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 14 u 15 tal-process.
[3] Ara verbal tas-seduta tal-4 t'Ottubru 2007 a fol. 32 tal-process.
[4] Ara xhieda u r-rapport tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 34 tal-process *et seq.*

Pulizija u fittxewlu fuq il-persuna tieghu, arrestawh u ghamlu tfittxija gor-residenza tieghu fejn gew elevat zewg pitazzi, li hu jghid li kienu tat-tifla tieghu, u fuq wiehed minnhom kien hemm xi numri li kitbet il-mara. Hu cahad li hu kien mar fejn instabu il-qratas bid-droga.

Il-Qorti qieset fil-fond ix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija u x-xhieda tal-imputat, u ssib li l-versjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, specjalment dik tax-xhud PC541 Aaron Bugeja hija wahda kredibbli u tati sal-icken dettal ta' dak li kien qed jaghmel l-imputat dik l-ghodwa, u huwa korroborat b'dak li xehed PS579 Antoine Micallef.

Il-verzjoni u x-xhieda tal-imputat li hu mar il-Club u sempliciment xtara te u pakkett sigaretti, u mar jixrob it-te fil-bieb tal-Club tal-Bocci, meta gew fuqu il-pulizija u arrestawh, mhix wahda verosimili, specjalment fid-dawl tax-xhieda dettaljata tal-operazzjoni investigattiva kollha li kienu ghamlu l-Pulizija dakinnhar u tal-agir suspettuz tal-imputat. Huwa rilevanti li hadd mill-ufficcjali tal-Pulizija li xehdu u lanqas l-istess imputat li xehed, ma qalu li l-imputat ipprotesta meta gie arrestat, ghax allega li ma kienx hemm raguni valida ghall-arrest tieghu, jew li wera xi sorpriza meta haduh hdejn il-konka tas-sigra u sabu l-foil bil-qratas go fih. Din ma kienitx l-ewwel darba li l-imputat xellef difrejh mal-gustizzja, u kellu diga diversi kundanni minn dawn il-Qrati. Ghalhekk certament ma kienx se jiddejjaq jipprotesta mal-Pulizija, kieku hass li l-arrest tieghu kien wiehed ingustifikat.

Huwa relevanti li l-Pulizija xehdu wkolli illi huma fittxew fiz-zona cirkostanti ta' fejn instabu l-qratas u ma sabu l-ebda droga ohra jew affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga. Id-droga instabet imqassma f'ammonti ferm simili lesti ghall-ispacc u konfezzjonata go qratas tal-karti kif tipikament tkun preparata qabel ma tigi traffikata.

Huwa vera li ma ngabitx prova li fuq dawn il-qratas kien hemm il-fingerprints tal-imputat, pero' dan ma sarx ghax skond kif qal l-espert Joe Mallia fir-relazzjoni tieghu, ghalkemm il-hames bicciet tal-karti kwadri (li fihom kien imgezwra d-droga) kif ukoll fuq il-bicca aluminium foil gew ezaminati permezz tal-kimika ghall-impronti digitali, l-

ebda impronta tajba ghal fini ta' komparazzjoni u identifikazzjoni ma tidher li giet zviluppata fuqhom.[5]

Rigward il-fingerprints li instabu fuq wiehed mill-pitazzi li gew elevati mir-residenza tal-imputat, din il-Qorti mhix tal-opinjoni li din hija prova konkluziva li l-imputat kien qed juza dan il-pitazz sabiex jaghmel il-qratas biex jispacca d-droga, ghax la l-pitazz kien id-dar tieghu, u l-imputat xehed li gieli kien jghin lit-tifla tieghu meta jkollha taghmel xi tpingija jew art, il-Qorti ma tistax ma jkollhix dubju ragonevoli, li l-imputat seta' miss dan il-pitazz ghar-ragunijiet li qal hu fix-xhieda tieghu. Dan aktar u aktar, meta l-espert l-ispizjar Mario Mifsud ma sabx mechanical fit, bejn il-karti neqsin f'dan il-pitazz, u fil-pitazz l-iehor, mal-karti li ntuzaw bhala qratas fil-kaz in kwistjoni.

Huwa vera wkoll li kien ikun ahjar li kieku, l-pulizija arrestaw lil xi wiehed minn dawk il-persuni li raw jigbru l-oggetti li l-imputat kien qed jitfa' fl-art. Pero il-Qorti tifhem, li dan probabbilment ma sarx, ghaliex li kieku ghamlu hekk, l-imputat kien jirrejalizza li qed jigi sorveljat mill-pulizija, u jitlaq minn fuq il-post, u l-priorita tal-Pulizija kienet li jkollhom provi li l-imputat kien qed jispacca d-droga u sekondarjament dak li jarrestaw persuni li jkollhom id-droga fuqhom ghal uzu personali taghhom.

Madanakollu, mill-provi kollha akkwisiti, fl-opinjoni tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li d-droga li nstabet taht is-sigra quddiem il-Club tal-Bocci, kien hbiha l-imputat, sabiex ma jkollux droga fuqu, halli jekk kif fil-fatt gara jaghmlu tfittxija fuqu l-pulizija, ma jsibu xejn kompromettenti li jistghu jinkriminawh biha.

Rigward l-aggravju tad-distanza tal-mitt metru, l-imputat ma jikkontestax illi s-sigra in kwistjoni hija cirkonferenza ta' inqas minn mitt metru skont l-Artikolu tnejn u ghoxrin (22) tal-Kapitolu 101.[6]

---

[5] Ara rapport ta' Joseph Mallia fol. 7-8 ezebit bhala Dok JM1 a fol. 67 tal-process.

[6] Ara verbal tas-seduta tal-4 t'Ottubru 2007 a fol. 32 tal-process.

Rigward l-imputazzjoni tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni ezebit sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Spiridione Tanti** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 1999.[7] Pero, din is-sentenza ma fihx il-konnotati tal-imputat, u l-Ispettur Prosekutur f'dik il-kawza, ma tellax mill-Prosekuzzjoni sabiex jikkonferma li l-hati f'dik is-sentenza kien l-imputat odjern. Ghalhekk, l-imputazzjoni tar-recidiva ma gietx ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ammont komplessiv ta' droga herojina li nstabet fil-pussess tal-imputat kien wiehed relattivament zghir: ammont nett totali ta' 0.220 grammi imqassma f'hamest iqratas.

Pero' ir-reat sar f'distanza ta' inqas minn mitt (100) metru minn Club fejn jiltaqghu iz-zghazagh u ghalhekk il-piena trid tizdied bi grad.

Il-Qorti ma tistghax ma tiehux in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa instab ghandu xejn inqas minn 33 kundanna minn dawn il-Qrati, inkluz erba' kundanni ghal ksur tal-ligijiet relatati mat-traffiku, tnax-il kundanna ghal serq aggravat, kundanna li kkaguna griehi gravi fuq persuna, kundanna ghal stupru vjolenti fuq minuri, tlett kundanni ghal pussess semplici tad-droga herojina, u kundanna ghat-traffikar tad-droga herojina. Fil-fatt huwa kellu sitt kundanni, uhud minnhom ta' prigunerija, pendenti dawn il-proceduri.

Dawn il-Qrati taw lill-imputat diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu, izda huwa ovvju li baqa' ma tghallem xejn.

Din il-Qorti tqis ir-reat ta' spaccar ta' droga bhala reat gravissmu. Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u*

---

[7] Ara fol. 3 tal-process.

*traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fil-waqt li ssib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni tar-recidiva, u qieghda tilliberah minnha, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sena prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' elf hames mija u hames Euro u disa' u ghoxrin centezmu (€1,505.29) – ekwivalenti ghal sitt mija u sitta u erbghin Lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm646.22) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**